MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru 284/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. J. Borg)**

**vs**

**MARIO GAUCI**

**Illum 24 ta' Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Gauci ta' 44 sena bin missier mhux maghruf u Carmela nee Gauci, imwieled Victoria Ghawdex nhar l-24 ta Marzu 1960, li joqghod Osaka 46, Triq Raddet ir-Roti Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 24260G gie akkuzat talli;

a) nhar it-2 ta' Ottubru, 2004 ghall-habta tat-7.53pm minn gewwa d-dar tieghu, 53, Triq Raddet ir-Roti Mosta, minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk (skond l-Art. 337C 1(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun (skond l-Art. 337C 1(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom (skond l-Art. 337C 1(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
d) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, minghajr awtorizzazzjoni uza il-kodici tad-dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer (skond l-Art. 337C 1(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 337C (1)(a), 337C (1)(b), 337C (1)(f) u 337C (1)(i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Gauci, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Mario Gauci ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat Mario Gauci jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------